# MINN ĠIMGĦA SA ĠIMGĦA

– aħbarijiet bejn it-23 ta' Ottubru, 2009 u t-30 ta' Ottubru, 2009 –

- IL-GIMGHA 23 TA' OTTUBRU:

**Ma nibżgħu qatt mir-riformi – il-Prim Ministru Lawrence Gonzi:**

L-impjant il-ġdid tal-General Soft Drinks fil-Marsa hu eżempju ċar ta' x'jiġri meta b'kuraġġ wieħed iħares lejn l-isfidi u minflok jaqta' qalbu, jagħmel l-investiment u r-riformi li hemm bżonn biex jikun jista' jirbaħ il-kompetizzjoni u jagħmel suċċess. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qal dan il-Ġimgħa, meta żar l-impjant il-ġdid tal-General Soft Drinks fil-Marsa, li fih Mizzi Organisation għamlu investiment ta' €27 miljun biex illum din il-kumpanja għandha impjat modern b'ħafna miżuri biex ikun hemm l-inqas impatt fuq l-ambjent. Mizzi Organisation timpjega aktar minn 900 ruħ li 260 minnhom jaħdmu fl-impjant il-ġdid tagħha wara li ngħataw it-taħriġ meħtieġ. Il-fabbrika qabel kienet f'Ħal Qormi iżda Mizzi Organisation rat l-isfidi u l-opportunitajiet li kienet se ġġib magħha s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u investiet f'dan l-impjant biex tipprovdi servizz ta' kwalità ogħla lill-klijenti u lill-konsumatur. Il-Prim Ministru intaqa' minn Brian Mizzi, id-Direttur Maniġerjali u minn Maria Micallef, il-General Manager tal-kumpanija kif ukoll mill-membri l-oħra tal-management u ta' Mizzi Organisation. Il-Prim Ministru ddawwar mal-impjant fosthom is-sala tal-produzzjoni fejn ra l-proċess tal-mili u tal-ippakkjar kif ukoll intwera l-maħżen kbir fejn tinħażen il-produzzjoni. Il-kumpanija tipproduċi kemm soft drinks kif ukoll ilma.
L-impjant jinkludi miżuri biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħela tar-riżorsi kif ukoll biex jagħmel l-akbar użu mid-dawl naturali. Dan il-proġett ingħata Best Practice Award mingħand il-kumpanija internazzjonali tal-Coca Cola u diversi elementi tad-disinn tal-impjant intużaw ukoll minn kumpaniji oħra tal-Coca Cola barra minn Malta.

**Riforma tal-kura primarja:**

Fil-ġimgħat li ġejjin se tkun qed tiġi ppreżentata r-riforma dwar il-kura primarja tas-saħħa - riforma li se tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' ekwità u aċċessibilità, tal-effiċjenza u tal-akkontabilità u s-sostenibbilità. Dan tħabbar mill-Ministru għall-Politika Soċjali John Dalli waqt konferenza li għaliha attendew speċjalisti fil-kura primarja. Il-Ministru Dalli qal li l-proposti li jelenkaw l-istrateġija tal-Gvern - li tissaħħaħ il-kura primarja f'Malta u Għawdex - se jkunu ppreżentati biex dwarhom issir konsultazzjoni pubblika. John Dalli żied li dan għandu jwassal biex tobba tal-familja u professjonijiet oħra fil-qasam tas-saħħa jingħaqdu u jagħtu l-ewwel servizz ta' kura fil-komunita. B'hekk, l-Isptar Mater Dei ikun tassew jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu – dik ta' kura terzjarja. Il-mira hi li din l-istrateġija twassal biex iċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal kura primarja personalizzata. Il-Ministru Dalli żied li din ir-riforma se tingħaqad ukoll ma numru ta' inizjattivi oħrajn li l-Gvern se jkun qed jieħu biex is-servizzi tas-saħħa f'Malta ikunu tassew tal-ogħla kwalità.

**Inawgurata l-Kamra tal-Kummerċ Malta-Spanja:**

F'ċerimonja simbolika fir-Residenza tal-Ambaxxatur ta' Spanja f'Ħal Balzan kienet inawgurata l-Kamra tal-Kummerċ Maltija-Spanjola bil-għan li jissaħħu r-relazzjonijiet kummċerjali bejn iż-żewġ pajjiżi. Il-Kamra tal-Kummerċ hi frott tal-ħidma li kienet intensifikata mill-Ambaxxatur ta' Spanja f'Malta Isabel Vicardi li f'diskors tal-okkażjoni fissret l-importanza tal-ekonomija Spanjola, fost l-akbar fil-pajjiżi tal-UE u anke fid-dinja. L-Ambaxxatur Vicardi qalet li Malta u Spanja għandhom ħafna affarijiet komuni u għalhekk tinħass il-ħtieġa li l-kooperazzjoni tissaħħaħ. Spanja diġà għandha diversi investiment f'pajjiżna b'mod partikolari fil-qasam farmaċewtiku u b'diversi kumpaniji juru interess fis-sejħiet għall-offerti li jsiru f'pajjiżna. L-Ambaxxatur Vicardi qalet li l-kriżi internazzjonali ma setax ma jkollhiex effett fuq iż-żewġ ekonomji. Bl-għajnuna mill-Gvern, l-ekonomija Spanjola mistennija tibda tirkupra lejn nofs is-sena d-dieħla filwaqt li Malta diġà qed turi sinjali pożitivi ta' rkupru. L-Ambaxxatur Spanjola awgurat suċċess lill-Kamra tal-Kummerċ. Il-Ministru Tonio Fenech esprima sodisfazzjon għat-twettiq ta' din l-inizjattiva li bdiet mill-ewwel jien tagħha fil-kariga l-Ambaxxtur Vicardi. Tonio Fenech qal li mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, l-investiment minn Spanja tkattar grazzi għall-kuntatt li beda jkun hemm bejn iż-żewġ pajjiżi. Illum saħansitra żdiedu wkoll it-titjiriet bl-ajru. Il-Ministru Fenech qal li l–Kamra tal-Kummerċ għandha sservi biex joktru l-isforzi ħalli n-negozjanti u l-imprendituri jitressqu aktar lejn l-opportunitajiet li jeżistu ħalli jitkattru l-ekonomiji taż-żewġ pajjiżi. Diskors ieħor sar minn Francis J. Vassallo, President tal-Kamra tal-Kummerċ Maltija Spanjola. Ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn Malta u Spanja jistgħu jitqiesu tajbin. Bejn l-2004 u s-sena li għaddiet l-importazzjoni telgħet minn E95.7 miljun għal E105.6 miljun. Mhux l-istess jista' jingħad għall-esportazzjoni ta' prodotti Maltin lejn Spanja li f'perijodu ta' ħames snin naqsu minn E15.9 miljun fl-2004 għal €10.9 miljun fl-2008. Filwaqt li l-importazzjoni minn Spanja tirrappreżenta 4.2% ta' dak kollu li jiġi esportat, l-esportazzjoni lejn Spanja tirrappeżenta l-1.3% tal-esportazzjoni minn pajjiżna.

**Inawgurat servizz ta' dgħajsa tal-elettriku:**

Fil-Valletta Waterfront, Il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali George Pulliċino inawgura servizz ta' dgħajsa tal-elettriku u ma taħlix enerġija. Id-dgħajsa kienet maħduma kollha kemm hi mill-Università ta' Malta u taħdem fuq l-istess sistema tal-karozzi tal-elettriku. Id-dgħajsa se tkun użata għal skopijiet turistiċi

- SIBT 24 TA’ OTTUBRU:

**Jiġu approvati 6 rapporti ta' Simon Busuttil:**

Il-Parlament Ewropew din il-ġimgħa approva l-ewwel rapporti ta’ membru tal-Parlament Ewropew Malti f’din il-leġiżlatura ġdida. Dan hekk kif il-membri parlamentari Ewropej approvaw 6 rapporti tal-ewroparlamentari Nazzjonalista Simon Busuttil. Permezz ta’ dawn ir-rapporti, ġie eliminat il-bżonn ta’ visa bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja u sitt pajjiżi oħra – l-Mauritius, is-Seychelles, il-Barbados, il-Federazzjoni ta’ St Kitts u Nevis, il-Bahamas, Antigua u l-Barbuda. Dan il-ftehim se jkun qed jagħti l-possibilità lil ċittadini Maltin u ċittadini oħra tal-Unjoni Ewropeja li jivjaġġaw lejn dawn il-pajjiżi. Din id-deroga tapplika għal ċittadini li jkunu qed jivvjaġġaw minn u lejn il-pajjiż għal perjodu t’inqas minn 6 xhur. Id-deroga tapplika

għal kull tip ta' vjaġġar, inkluż turiżmu. Madankollu, din tesskludi vjaġġar għal skopijiet ta' xogħol. Fl-intervent tiegħu fil-Parlament Ewropew, Busuttil rrimarka li dawn ir-rapporti tressqu biss għax hemm reċiproċità mill-pajjiżi l-oħra konċernati. Fil-każ ta' pajjiżi oħra li mhumiex lesti li jneħħu l-visa għal ċittadini kollha Ewropej, dawn mhux se jingħataw il-possibilità li ċittadini tagħhom jivjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropeja mingħajr il-visa. Simon Busuttil huwa l-koordinatur tal-grupp tal-Partit Popolari Ewropew responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern.

- ❖ IL-HADD 25 TA' OTTUBRU:

**Il-PL jgħid li r-riċessjoni hi biss skuża għall-budgets iebsin:**

Il-Meeting li bħas-soltu l-Partit Laburista għamel għall-ħabta tal-Budget jidher li kien immirat biex iwarrab l-attenzjoni minn fuq ir-riċessjoni internazzjonali li wasslet għal Budgets iebsin f'ħafna pajjiżi u minn fuq iż-żieda fil-prezz taż-żejt. Il-mexxej Laburista Joseph Muscat saħansitra għamel lista ta' tnaqqis fit-taxxi li jrid lill-Gvern jagħmel fil-Budget. Il-Meeting fit-triq ewlenija ta' Ħaż-Żabbar beda bid-Deputat Mexxej Toni Abela jgħid li r-riċessjoni madwar id-dinja kollha hi skuża. Hu qal li l-problemi li qed tiffaċċja l-ekonomija tal-pajjiż mhumiex riżultat tar-riċessjoni li qiegħda sseħħ madwar id-dinja. Id-diskors ta' Joseph Muscat kompla fuq l-istess linja li r-riċessjoni internazzjonali hi skuża u l-mexxej Laburista għamel lista ta' tnaqqis fit-taxxi li jrid lill-Gvern jagħmel fil-Budget li ġej. Minkejja li rrikonoxxa li ħafna se jistaqsu minn fejn iġib il-flus biex inaqqas dawn it-taxxi, Joseph Muscat qal li jrid lill-Gvern inaqqas il-VAT fuq l-ikel fir-ristoranti. Fost tnaqqis ieħor li ppropona hemm li t-turisti ma jħallsux nofs ewro taxxa. Joseph Muscat qal li anke l-ekokontribuzzjoni għandha tkun riveduta. Il-mexxej Laburista jrid ukoll li l-Gvern inaqqas it-taxxa fuq bejgħ ta' propjetà. Fid-dawl taż-żieda qawwija li l-prezz taż-żejt għaddej minnha bħalissa, Joseph Muscat qal li l-Gvern għandu jagħti massimu ta' kemm ikunu t-tariffi tad-dawl u l-ilma. Hu ppropona wkoll tnaqqis ieħor f'numru ta' taxxi iżda fl-ebda waħda minn dawn il-proposti ma qal kif il-Gvern ikun jista' jagħmel tajjeb għaliha fil-finanzi pubbliċi. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tariffi tad-dawl u l-ilma, Joseph Muscat kompla jiddefendi l-għażla li qed jipproponi hu għat-turbini l-ġodda tal-Power Station. Il-Gvern qed jgħid li kieku kellhom jintgħażlu dawk li jrid Joseph Muscat it-tariffi tad-dawl u l-ilma jkunu ferm ogħla milli se jkunu b'dawk li ntgħażlu. Id-Deputat Mexxej l-ieħor, Anglu Farrugia, tkellem dwar il-vjolenza tat-Tnejn l-Iswed, meta hu kien uffiċjal tal-Pulizija, u ddefenda l-mod kif Joseph Muscat qed jirrifjuta li jagħmel apoloġija bla kundizzjonijiet għall-ħruq tat-Times u għall-attakk vjolenti fuq il-familja u d-dar ta' Eddie Fenech Adami. Intant, fi stqarrija il-Partit Nazzjonalista saħaq li r-realtà ekonomika dinjija mhix dik li pprova jagħti l-impressjoni li Joseph Muscat prova jagħti imma li fl-aħħar sena banek kbar dinjin fallew u oħrajn marru jittallbu l-għajnuniet mill-gvernijiet waqt riċessjoni internazzjonali li hi l-agħar waħda f'dawn l-aħħar 80 sena. Il-Partit Nazzjonalista kompla li minkejja dan, anke l-Unjoni Ewropeja qed tirrikonoxxi l-ħidma tal-Gvern Malti biex jiżdied ix-xogħol tal-pajjiż. Joseph Muscat naqas milli jsemmi kif ir-ricessjoni wasslet biex il-qgħad sploda f'numru ta' pajjiżi u li l-prezz taż-żejt qabad tiela' b'mod konsistenti hekk li fl-aħħar sitt xhur irdoppja minn $35 għal $80 kull barmil, kompliet l-istqarrija. Il-mexxej Laburista jippreferi jkun superfiċjali u jibqa' ma jikkommetti ruħu fuq xejn kif għamel f'Ġunju li għadda meta qal li ma jista' jagħti l-ebda garanzija fuq it-tariffi kieku jkun fil-gvern, ittemm tgħid l-istqarrija.

**Tipproponi fondi għal ħarsien tas-siti ekoloġiċi:**

Il-Fondazzjoni Natura qed tħeġġeġ lill-Ministru tal-Finanzi biex fil-Baġit li ġej jalloka fondi għall-immaniġġjar u għall-ħarsien tas-siti ekoloġiċi u għas-siti ta' Natura 2000 fil-gżejjer Maltin. Filwaqt li l-Fondazzjoni irrikonoxxiet il-fatt li fl-aħħar snin il-Gvern ivvota flus għal immaniġġjar tal-iskart u anke introduċa inċentivi għall-enerġija li tiġġedded, iżda l-allokazzjoni għall-konservazzjoni tas-siti Natura 2000 u siti ta' importanza ekoloġika ingħataw ftit prijorità. Il-Fondazzjoni Natura qalet li tixtieq tara aktar inċentivi għal enerġija li tiġġedded b'kampanja edukattiva nazzjonali biex aktar ċittadini jgawdu minnhom.

**Għadu fil-periklu tal-mewt iż-żagħżugħ li ndarab serjament fil-kamra tan-nar tal-Mosta:**

Għadu fil-periklu tal-mewt Mario Farruga, iż-żagħżugħ ta' 26 sena li ndarab serjament wara l-isplużjoni fil-Kamra tan-Nar tas-Soċjetà Filarmonika – splużjoni li wasslet biex iż-żagħżugħ, membru fil-kumitat tal-istess soċjetà sofra ħruq estensiv fil-partijiet kollha ta' ġismu. Il-Ħadd filgħodu s-silenzju fil-pjazza tal-Mosta kien evidenti. Il-komunità Mostija, waħda magħrufa għall-parteċipazzjoni tagħha fl-għaqdiet voluntarji, inġabret biex fil-knisja Arċipretali tal-Mosta titlob għall-fejqan taż-żagħżugħ Mosti. Il-Mostin li tkellimna magħhom qalula kif Mario kien għadu fil-pjazza ma' shabu sa siegħa qabel l-inċident. Evidenti x-xokk għal dak li ġara 24 siegħa qabel – fl-ewwel inċident li qatt kellha din is-soċjetà sa mit-twaqqif tagħha. L-isplużjoni għall-habta tas-2.30 ta' wara nofsinhar kienet kemmxejn qawwija u nstemgħet minn diversi bnadi. F'għajnejhom it-tħassib u t-tama li din il-ġrajja kerha tintemm b'wiċċ il-ġid. Matul il-jum tal-Ħadd, il-pulizija kompliet bl-investigazzjoni tagħha fejn numru ta' persuna bdew jgħinu fl-inkjesta. Fost dawn, Ġużeppi Mangion ta' 81 sena magħruf fost il-Mostin bħala 'Il-Perell' u Edmond Saliba ta' 39 sena li wkoll indarbu fl-inċident imma qalbu għall-aħjar u issa jinsabu lura mal-qraba tagħhom.

- IT-TNEJN 26 TA' OTTUBRU:

**Proposta l-iskeda tad-diskussjoni tal-Baġit:**

Il-Gvern ressaq il-proposti tiegħu dwar id-diskussjoni fil-Parlament tal-Baġit għas-sena li ġejja. Il-proposti tal-Gvern jikkonfermaw dak li qal aktar qabel il-Ministeru tal-Finanzi u dak li ssemma fil-Kumitat tax-Xogħol tal-Parlament fl-aħħar laqgħa tiegħu. Id-diskors tal-Baġit se jsir it-Tnejn 9 ta' Novembru fis-6.30 p.m. mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment Tonio Fenech. Id-diskors mistenni jkun ta' sagħtejn u wara għandu jkun hemm konferenza tal-aħbarijiet mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi. Il-Kap tal-Oppożizzjoni Joseph Muscat iwieġeb għad-diskors tal-Baġit it-Tnejn ta' wara 16 ta' Novembru bir-risposta tal-Prim Misnistru Lawrence Gonzi jumejn wara jiġifieri l-Erbgħa 18 ta' Novembru. Id-diskussjoni dwar il-Ministeri kollha tibda mill-għada l-Ħamis 19 ta' Novembru filgħodu meta ssir id-diskussjoni dwar il-voti li jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Il-Gvern qed jipproponi diskussjoni ta' erba' sigħat. Filgħaxija imbagħad jiġu diskussi l-voti tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali liema diskussjoni qed jiġi propost li tkun ta' ħames sigħat. Il-Ġimgħa 20 ta' Novembru filgħodu qed jiġi propost li jiġu diskussi l-voti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin - dikussjoni li tieħu tliet sigħat - u filgħaxija ssir diskussjoni ta'

erba' sigħat dwar il-voti tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment. Id-diskussjoni dwar il-voti tad-diversi Ministeri tkompli t-Tnejn, 23 ta' Novembru, filgħodu u tkun dwar il-Ministeru għal Għawdex. Din id-diskussjoni tkun ta' tliet sigħat. Diskussjoni ta' tliet sigħat u nofs qed jiġi propost li ssir dwar il-voti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kultura, Żgħażagħ u Sport it-Tnejn stess filgħaxija u l-għada filgħodu, it-Tlieta, 24 ta' Novembru d-diskussjoni se tkun tal-voti li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali. Din id-diskussjoni se tkun ta' sitt sigħat. It-Tlieta wkoll, filgħaxija, jiġu diskussi l-voti tal-Ministeru tal-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni liema diskussjoni qed jiġi propost li tkun ta' erba' sigħat u nofs. Id-diskussjoni dwar il-Baġit għas-sena li ġejja tintemm l-Erbgħa - filgħodu għal sigħat ikunu diskussi l-voti li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u filgħaxija jkun diskuss l-approprjazzjoni fejn ikunu jistgħu jitkellmu l-Parlamentari dwar il-voti tad-diversi Ministeri bil-vot jittieħed fid-9.30 p.m. Din il-proposta tad-diskussjoni tal-Baġit li kienet mgħoddija lill-Oppożizzjoni issa mistennija li tkun diskussa fil-Kumitat tax-Xogħol tal-Parlament.

**Il-Parlament mhux il-post li jiddiskuti allegazzjonijiet dwar Gruppi Parlamentari:**

Il-Parlament mhux il-post li jiddiskuti rapporti fil-mezzi ta' kommunikazzjoni dwar dak li allegatament jiġi diskussi fil-Gruppi Parlamentari tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qal dan meta wieġeb talba tal-Oppożizzjoni dwar kienx se jagħmel xi stqarrija fil-Parlament dwar rapport ippubblikat f'gazzetta tal-Ħadd. Id-Deputat Kap tal-Partit Laburista għall-Affarijiet tal-Parlament Anġlu Farrugia fil-bidu tas-seduta tal-bieraħ għamel riferenza għal rapport ippubblikat f'gazzetta bil-Malti tal-Ħadd li rrappurtat lil Tonio Fenech, il-Ministru tal-Finanzi, jattakka lill-Pulizija f'laqgħa tal-Grupp Parlamwentari tal-Partit Nazzjonalista, dan l-aħħar. Lawrence Gonzi qal li qed tidħol drawwa min-naħa tal-Oppożizzjoni li tistaqsi għal stqarrija fil-Parlament min-naħa tiegħu jew ta' Ministru għal kull rapport li jiġi ppubblikat jew imxandar dwar dak li allegatament ikun diskuss fil-Grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista. Kieku kellu hu jew xi Ministru ieħor joqogħdu jwieġbu fil-Parlament għal kull rapport li jiġi ppubblikat jew imxandar kieku jiedu ġurnata sħiħa minn filgħodu sa filgħaxija. Il-Prim Ministru qal li dwar dan ir-rapport il-Ministru tal-Finanzi ħareġ dikjarazzjoni kategorika li għandu fiduċja fil-Korp tal-Pulizija. Dikjarazzjoni bħal din, sostna l-Prim Ministru, hi biżżejjed u mhemmx lok għal xi stqarrija min-naħa tiegpħu fil-Parlament. Kien hawnhekk li Lawrence Gonzi qal li l-Parlament mhux il-post fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni jew hu joqogħdu jiddiskuti rapporti fil-mezzi ta' komunikazzjoni dwar dak li allegatament jiġri fil-Gruppi Parlamentari tagħhom. Sadattant, meta l-Parlament għadda biex jibda jiddiskuti l-ordnijiet tal-ġurnata u Ministri u membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, fosthom l-istess Kap tal-Oppożizzjoni u d-Deputat tiegħu bdew ħerġin mill-Kamra, il-Whip Laburista Joe Mizzi sejjaħ quorum. L-iSpeaker Louis Galea issospenda s-seduta għal 20 minuta u sakemm ikun hemm quorum. Dan fil-fatt intlaħaq minn Ministri u membri tal-Gvern fi ftit minuti u qabel l-20 minuta u għalhekk l-iSpeaker issejjaħ fil-Kamra u seta' jkompli s-seduta. Il-Parlament imbagħad kompla jiddiskuti fit-tieni qari l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi.

**Riforma fl-eżami tas-sewqan:**

Il-Gvern mhux kuntent bil-mod kif qed isiru l-eżamijiet tas-sewqan u qabbad espert indipendenti biex jistħarreġ is-sitwazzjoni u jirrapporta sistema ġdida. Il-Ministru għall-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni Austin Gatt ħabbar dan il-bieraħ meta kien qed iwieġeb mistoqsijiet supplimentari tal-Oppożizzjoni. Hu qal li s-sistema ta' kif isir l-eżami tas-sewqan ilha wżata s-snin u ħafna huma l-ilmenti li qed jaslu lill-Gvern minn persuni li mhumiex jgħaddu mill-eżami tat-teorija jew tal-prattika jew mit-tnejn darba u aktar. Kif inhi s-sistema llum, fost oħrajn, biex wieħed jitla' għall-eżami tas-sewqan irid ikun attenda numru ta' lezzjonijiet fis-sewqan ma' skola awtorizzata. Hi l-iskola tas-sewqan li llum tiddeċiedi meta u jekk wieħed għandux jitla' għat-test. Il-persuna mqabbda se tara s-sistema kollha u tirrakkomanda hux il-lok li wieħed imur għal sistema differenti.

- IT-TLIETA 27 TA' OTTUBRU:

**Il-poplu Malti jixraqlu l-aħjar servizz tas-saħħa possibli li hu b'xejn:**

Il-poplu Malti jixraqlu l-aħjar servizz tas-saħħa possibli li hu b'xejn. L-impenn tal-Partit Nazzjonalista hu li jqiegħed il-kura medika b'xejn fiċ-ċentru tal-politika tieghu minkejja d-diffikultajiet kollha u l-użu kemm ta' riżorsi umani kif ukoll finanzjarji. Dan kien il-messaġġ tal-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Lawrence Gonzi waqt laqgħa għall-għeruq tal-Partit Nazzjonalista bit-tema 'L-Aqwa u l-Aħjar għal Saħħitna'. Il-Prim Ministru Gonzi sostna li Malta issa waslet fit-tieni stadju għal qabża fil-qasam tas-saħħa hekk kif wara li nfetaħ l-Isptar Mater Dei, Malta tinsab biss ftit 'il bogħod mit-tnedija tar-riforma tal-Kura Primarja li se tpoġġi fiċ-ċentru tagħha l-kura personalizzata fejn se jsir tisħiħ tar-rwol tat-tabib tal-familja kif ukoll il-polyclinics. Fl-intervent tiegħu, Joe Cassar, Segretarju Parlamentari għas-Saħħa ta rendikont ta' kif qed jaħdem il-qasam tas-saħħa f'Malta. Fost iċ-ċifri li elenka, is-Segretarju Parlametari Cassar tkellem dwar kif bħalissa qed isiru 100 operazzjoni kuljum fl-Isptar Mater Dei, li jfisser żieda ta' 250 operazzjoni fix-xahar aktar minn dawk li kienu jsir fl-Isptar San Luqa. Hu żied li kuljum 300 pazjent qed jagħmlu użu mid-Dipartiment tal-Emergenza, medja ta' 347 pazjent kuljum jagħmel użu tal-Outpatients filwaqt li l-laboratorju tal-Isptar jagħmel madwar 11,000 test tad-demm. Dwar iċ-ċentru għall-kura medika tas-sider, is-Segretarju Parlamentari żied li dan is-servizz b'xejn se jkun qed jingħata kull tlett snin għal nisa bejn il-50 u s-60 sena li jfisser li madwar 14-il elf mara kull sena ħa jużaw dan is-servizz. Hu żied li biex kien irranġat u armat, dan iċ-ċentru kien jirrikjedi nvestiment ta' €1.6 miljun u kull sena se jkunu qed jitnefqu €500,000 kull sena. Fil-futur qarib, ir-riżultat se jkun qed jintbagħad id-dar u għand it-tabib personali. Min-naħa tiegħu, John Dalli, Ministru għall-Politika Soċjali, ddiskusta l-politika soċjali tal-Gvern fil-qasam tas-saħħa fejn tenna l-importanza li l-qasam tas-saħħa jkun wieħed sostenibbli. Il-Ministru John Dalli tkellem ukoll dwar il-bżonn li tiġi ndirizzata bis-serjeta l-problema tal-każijiet soċjali fl-Isptar Mater Dei fejn bħalissa hu stmat li aktar minn 110 sodod bħalissa huma okkupati minn dawn il-każijiet. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll Paul Borg Olivier, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll Jean Pierre Debono, Assistant Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista li kienu fost dawk li wieġbu għall-mistoqsijiet ta' dawk preżenti.

**Ikompli jinfirex l-appoġġ lil istudenti li jridu attenzjoni :**

L-appoġġ lil studenti tas-sekondarja li jeħtieġu attenzjoni partikulari minħabba problemi personali u anke problemi fl-iskola qed ikompli jinfirex f'aktar skejjel. Dan l-appoġġ qed jingħata permezz tal-Learning Support Zone li hemm f'diversi skejjel u li se jkompli jinfirex f'aktar skejjel fix-xhur li ġejjin. Dan il-programm hu parti mir-riforma li qed issir fis-sistema edukattiva. Dolores Cristina, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport qalet dan meta t-Tlieta inawgurat il-Learning Support Zone fil-Kulleġġ Santa Tereża, Skola Sekondarja tas-Subien, f'Ta' Paris, f'Birkirkara. Għall-inawgurazzjoni attendew ukoll Frank Fabri, il-Prinċipal tal-Kulleġġ, Helen Borg, il-Kap tal-Iskola kif ukoll il-kapjiet l-oħra tal-iskejjel tal-Kulleġġ Santa Tereża. Kien hemm ukoll wieħed mit-tfal li qed jattendu il-Learning Support Zone u għalliema.
Il-Learning Support Zone toffri servizz ta' appoġġ lil istudenti fuq bażi individwali b'taħlita ta' metodi formali u informali u tgħin biex l-istudenti jerġgħu jidħlu lura fis-sistema mainstream. L-istudenti jingħataw programmi ta' taħriġ biex itejbu l-istima tagħhom, biex jikkontrollaw ir-rabja u l-istress u jiżviluppaw il-ħiliet tal-komunikazzjoni. Huma wkoll jingħataw taħriġ biex jagħrfu l-emmozzjonijiet u hemm studenti li jerġgħu jibdew jattendu l-iskola wara li jkunu assenti għal żmien twil. L-istudenti jingħataw ukoll tagħlim ta' ħiliet soċjali biex jirnexxu bħala ċittadini responsabbli. Il-Learning Support Zone tal-Kulleġġ Santa Tereża tinkludi l-Psycho-Social Therapy Room li hi għas-servizz tal-istudenti f'kull skola primarja u sekondarja tal-Kulleġġ.

**Ħames lukandi ġodda ngħataw l-eko-certification:**

Ħames lukandi ġodda ngħataw l-eko-certification – ċertifikat li jirrikonoxxi l-impenn tagħhom biex jieħdu miżuri ambjentali. B'kollox issa f'Malta 18-il lukanda ġew rikonoxxuti għall-miżuri konkreti li qed jieħdu biex inaqqsu l-impatt fuq l-ambjent fil-ħidma tagħhom. Iċ-ċerimonja uffiċjali saret bħala parti mill-konferenza immirata biex il-lukandiera Maltin jaqsmu l-esperjenzi tagħhom waqt l-implimentazzjoni ta' miżuri ambjentali. Waqt iċ-ċerimonja, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Mario De Marco appella biex lukandiera Maltin jaddattaw għax-xejriet li qed jiżviluppaw. Ix-xejriet ġodda jindikaw li ħafna aktar nies qed ifittxu lukandi li jħarsu l-ambjent. Huwa importanti li aktar lukandieri jirrikonoxxu l-bżonn li jinvestu biex ikunu ambjentalment sostenibbli. Dan iċ-ċertifikat jingħata lil dawk il-lukandi li jieħu miżuri konkreti biex inaqqsu l-volum tal-iskart, jagħmlu użu aħjar tar-riżorsi tagħhom, jnaqqsu l-ħela t'ilma u enerġija kif ukoll li jħarrsu l-kwalità tal-arja fost oħrajn. Ċentrali hu wkoll li l-management jagħti taħriġ lill-impjegati dwar kif jistgħu jnaqqsu l-impatt ambjentali waqt l-andament tal-ħidma tagħhom. Is-Segretarju Parlamentari Mario De Marco enfasizza fuq il-bżonn li aktar lukandi ta' tliet u erba' stilel jieħdu miżuri favur l-ambjent għax dan mhux biss jattira ġeneru partikolari ta' turisti imma wkoll jgħin biex fuq medda ta' żmien titnaqqas l-ispiża tal-lukandi stess. Hu fakkar kif din l-iskema hija wkoll parti mill-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu li tenfasizza l-ħtieġa li Malta tagħmel użu aħjar tar-riżorsi tagħha biex issir aktar kompetittivà u attraenti bħala destinazzjoni turistika.

- L-ERBGHA 28 TA' OTTUBRU:

**Aktar minn 2,300 persuna tibbenefika mill-iskema għax-xiri ta' solar water heaters:**

S'issa aktar minn 2,300 persuna bbenefikat mill-iskema għax-xiri ta' sistemi għal użu domestiku li jużaw sorsi alternattivi tal-enerġija jew jagħmlu użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dan tħabbar minn George Pullicino, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, waqt diskussjoni dwar l-enerġija alternattiva fil-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, il-bieraħ. Waqt id-diskussjoni, George Pullicino appella biex aktar familji jagħżlu li jinvestu f'solar water heaters hekk kif l-investiment kapitali li jsir jiġi ġenerat lura wara erba'snin biss. Kif tħabbar mill-Gvern fil-Baġit għal din is-sena, l-iskema tapplika għal xiri ta' solar water heaters, pannelli voltajċi, materjal t'insulazzjoni għas-sħana tal-bjut jew għal twieqi jew bibien double glazed. Għal din l-iskema, il-Gvern alloka €2 miljun għax-xiri ta' solar water heaters fejn applikant se jingħata lura żewġ terzi tal-ispejjeż sa massimu ta' €460. F'dan il-każ hu stmat li jistgħu jibbenefikaw madwar 4,500 familja. Hu kkummenta kif l-għan ta' dawn l-iskemi - jiġifieri dak li jibdlu x-xejriet tal-konsumaturi - qed ikollhom suċċess. {arsa lejn kif qed jopera s-suq fil-każ ta' apparat domestiku, wieħed isib li minkejja li ntemmet l-iskema ta' rebates fuq apparat domestiku, il-konsumaturi Maltin xorta waħda qed jagħżlu apparat domestiku li jkun ċertifikat li hu effiċjenti fl-użu u l-konsum tal-enerġija.
Il-Ministru għar-Riżorsi kkumenta li l-iskema ta' €4 miljun biex jitqassmu l-bozoz energy saving ukoll se tkun qed tħalli l-impatt mixtieq hekk kif aktar familji qed jagħżlu li jibdew jixtru bozoz energy saving minflok dawk tradizzjonali.

**Rapport jiċħad li membru tal-Ambaxxata Maltija fi Tripli kien qed jagħmilha ta' spjun għall-Ingliżi:**

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jidhirlu li, f'dan l-istadju u fid-dawl li Ives De Barro irriżenja mis-servizz part-time li kien jagħti lill-istess Ministeru, m'għandux jirrakkomanda azzjoni oħra fil-konfront tiegħu. Dan, is-Segretarju Permanenti qalu fi tmiem rapport li għamel dwar rapporti ppubblikati aktar kmieni din is-sena f'l-orizzont jallegaw spjunaġġ minn Ives De Barro fi żmien li kien impjegat fl-Ambaxxata Maltija fi Tripli fl-1971. Skont ir-rapporti tal-gazzetta tal-GWU, Ives De Barro kien jgħaddi informazzjoni lil membri tal-Ambaxxata Ingliża fl-istess pajjiż dwar laqgħat li kien ikollu l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dom Mintoff mal-awtoritajiet Libjani. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi poġġa kopja ta' dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Parlament wara li wieġeb interpellanza tad-Deputat Laburista Alfred Sant dwar dawn ir-rapporti. Fit-tweġiba tiegħu, Lawrence Gonzi qal li l-Gvern jaqbel mal-konklużjonijiet u mar-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport. Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin qal li minn informazzjoni maħruġa mill-Uffiċċju tar-Rekords Pubbliċi Ingliż ma rriżultax li Ives De Barro kellu laqgħat regolari u sistematiċi ma' membri tal-istaff tal-Ambaxxata Ingliża fi Tripli. Għaldaqstant, li wieħed jgħid li De Barro kien qed jispijja għall-Gvern Ingliż mhux korrett. Mhux biss, iżda mill-istess informazzjoni rriżulta li De Barro mal-Uffiċjali Ingliżi aktar kien qed jagħti biss opinjoni personali dwar is-sitwazzjoni kurrenti fir-relazzjonijiet ta' Malta mal-Ingilterra fid-dawl tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-istess Malta u l-Libja. Is-Segretarju Permamenti jsemmi li hi prattika komuni li membri ta' Ambaxxati jibdlu bejniethom informazzjoni u ħsibijiet u dak li ssemma fir-rapporti ta' l-orizzont fil-konfront ta' De Barro ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sensittiv. Dan kien ukol, għajr

għal ċirkostanza waħda, fil-parametri ta' konverzazzjonijiet normali bejn diplimatiċi minn pajjiżi differenti. Min-naħa l-oħra, il-qsim ta' opinjonijiet minn diplomatiċi għandu jkun prudenti u jsir b'kawtela. Għalkemm ma svela l-ebda informazzjoni sensittiva, De Barro seta' evita milli jesprimi ċerti opinjonijiet. Isemmi li kienet sfortuna li f'waħda minn dan il-konverzazzjonijet De Barro svela informazzjoni dwar parti minn paġamenti li kienu mwiegħda li jsiru mil-Libja. Minkejja dan, iżda, lanqas ma jista' jingħad li Ives De Barro kien b'xi mod iservi l-interessi Ingliżi.

**L-Istrina ġabret E15-il miljun kemm ilha issir:**

Fil-Palazz tal-President fil-Belt, il-bieraħ kienu ppreżentati għotijiet lil 16-il istituzzjoni u għaqda volontarja u tal-karita mill-fondi li nġabru fl-aħħar Strina. Il-preżentazzjoni saret mill-President ta' Malta George Abela fil-preżena ta' l-uffiċjali eżekuttivi ewlenin tal-PBS u tal-kumpanija go. Il-President ta' Malta qal minkejja din il-bidla, dan hu kapitlu ġdid li permezz tiegħu se jkun hemm tisħiħ fir-rrelazzjonijiet bejn il-PBS, l-Uffiċċju tal-President u L-Istrina, li din is-sena se ssir fis-26 ta' Diċembru. Hu qal li L-Istrina ta' din is-sena se tkun sfida għall-poplu Malti u Għawdxi u test tal-valur tas-solidarjeta u l-karita tiegħu. Il-President Abela kompla li kien hemm 48 għaqda volontarja li ppreżentat il-proġetti tagħha biex minnhom jibbenefikaw minn L-Istrina 2009. Minn dawn ingħażlu 18-il gaħqda volontarja. L-ammont ta' fondi li se jieħdu dawn l-għaqdiet jiddependi minn kemm jinġabru fondi fl-attivita. Il-President qal li l-persuni li jibbenefikaw minn dawn l-għotjiet huma nies fil-bżonn u spjega kif kull sena l-Community Chest Fund tgħin bejn 2500 u 3000 persuna. Hu qal li kull sena jitqassmu E1 miljun lil persuni fil-bżonn. Claire Thake Vassallo, l-Uffiċċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-PBS, qalet li L-Istrina ilha ssir 14-il sena u fihom inġabret is-somma ta' E15-il miljun. F'L-Istrina tas-sena li għaddiet inġabret is-somma ta' E1.6 miljun, qalet Claire Thake Vassallo, li kompliet li issa l-PBS se jkun qed jgħaddi r-responsabbilta ta' din l-attivita lill-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Minkejja din il-bidla, il-PBS xorta se jibqa jagħti l-kontibt tiegħu b'riklamar għal dan l-avveniment. F'L-Istrina 2008 inġabret is-somma ta' E1.6 miljun. Fl-attivita tkellem ukoll David Cay, l-Uffiċjal Eżkeuttiv Ewlieni tal-kumpanija go, li qal li l-kumpanija se tkompli tappoġġja bis-sħiħ lill-L-istrina u bħal qabel mhux se żżomm tariffi fuq it-telefonati li jsiru f'L-Istrina.

**L-istelel ta' Rex jiltaqaw ma' Mario De Marco:**

Hekk kif kompliet il-produzzjoni ta' episodju mit-tielet sensiela tat-teleserje popolari Taljana 'Rex' li qed tinħadem propju f'pajjiżna daħlu fit-tielet jum tagħhom, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Mario De Marco jżur is-sett fil-Barrakka ta' Fuq Il-Belt Valletta. Hu iltaqa' mal-Producer ta' dan it-tele-serje tant popolari Carlo Vacca, li fisser kif għalkemm din mhijiex l-ewwel darba li ħadem fuq film hawn Malta, din hi l-ewwel produzzjoni li qed jagħmel fejn l-istorja hija bbażata kollha kemm hi f'Malta. Meta tkellem mal-ġurnalisti preżenti, Vacca ħabbar ukoll li permezz ta' dan is-suċċess hu għandu l-ħsieb li jibgħat proposta lill-kumpanija TMA biex jinħadem film ieħor f'pajjiżna fir-rebbiegħa tas-sena d-dieħla. Il- film se jsir b'kollaborazzjoni bejn il-Mediaset u s-Sony u l-istorja se tkun ibbażata f'Malta. Fl-istess waqt Vacca fisser kif il-mentalita' u l-karattru tal-Maltin huwa simili ħafna għal dak tat-Taljani u dan għen sabiex tittella' din il-produzzjoni f'pajjiżna. Is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Mario De Marco fisser kif matul is-sena l-oħra dan il-programm kien segwit minn aktar minn sitt miljun dar fl-Italja. Barra minn hekk, it-teleserje għandha 22% tas-sehem tas-suq televiżiv tal-istess pajjiż. Barra minn hekk qed jintwera f'100 pajjiż

madwar id-dinja fosthom l-Awstralja, il-Venezwela, l-Afrika t'isfel u bosta pajjiżi li huma fil-qalba tas-suq turistiku Malti bħall-Germanja, Spanja, l-Awstrija u l-Isvezja.
De Marco fisser ukoll kif dan il-programm qed iservi biex jattira aktar turiżmu lejn pajjiżna. 11% tat-turisti li jiġu lejn pajjiżna huma Taljani, bl-Italja hija t-tieni l-aktar pajjiż li tibgħat turisti lejn Malta. De Marco żied jgħid li għalkemm kienu bosta l-films li inġibdu f'pajjżna huma biss il-ftit bħalma huma Coronation Street, Carabinieri u Peter Castell li bbażaw parti mill-istorja tagħhom f'pajjizna. Is-Segretarju Parlamentari De Marco qal ukoll li dan il-proġett hu wieħed mill-ħafna sforzi li qed tagħmel l-MTA biex tattira aktar films u investiment lejn pajjiżna. Waqt li kien hemm s-Segretarju Parlamentari iltaqa` wkoll mal-kelb li jaħdem l-parti ta' REX. Sid il-kelb u t-trainer tiegħu Teresa Miller spjegat kif dan hu t-tielet kelb li qed jinterpreta l-parti ta' Rex u ismu propju mhuwiex Rex imma Henry. Hi tkellmu bl-Ingliz minkejja l-fatt li hu jaħdem ma' atturi Taljani. Meta ltaqa` mas-Segretarju Parlamentari, il-kelb ħadlu b'idejh u flimkien mat-trainer tiegħu wrieħ dak li ġie mgħallem. Dawn l-episodji se jintwerew fuq l-istazzjon nazzjonali Taljan Rai Uno f'Marzu u April tas-sena d-dieħla. Fihom se jieħdu sehem bosta atturi popolari fosthom Kasper Capparoni.

- IL-HAMIS 29 TA' OTTUBRU:

**L-Arctic Sea mogħti lura f'idejn is-sid Finlandiż u lura Malta:**

Il-bastiment reġistrat Malta,l-Arctic Sea, daħal fil-port il-kbir ftit tal-ħin ilu biex isirulu t-tiswijiet neċessarji biex il-vapur ikun konformi mal-liġi marittima internazzjonali.Il-bastiment għadda minn idejn l-Awtoritajiet Russi għal għand is-sid Fillandiż mhux f'ibħra territorjali Maltin imma dawk internazzjonali - madwar 14-il mil nawtiku 'l barra minn Marsaxlokk għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar tal-Ħamis. Wara, għall-ħabta tal-erbgħa, hekk kif kien ċertifikat mill-investigazzjonijiet li saru abbord li ma kien hemm l-ebda problemi, beda l-vjaġġ tal-bastiment lejn il-port Malti miġbud mit-tug boat kummerċjali l-Mari. Dan kien konfermat mill-Awtorita' Marittima Maltija li f'konferenza tal-aħbarijiet tat il-verżjoni tagħha tal-fatti kif ġraw f'dawn l-aħħar jumejn. Waqt konferenza tal-aħbarijiet, għal darba, darbtejn kien assigurat li mhemm l-ebda materjal perikoluż abbord u l-uffiċjali tal-Awtorita' kkonfermaw li abbord nstab biss injam kif kienu qed jisħqu l-awtoritajiet Russi. Dan minkejja r-rapporti li kienu qed jiċċirkolaw fl-istampa internazzjonali li abbord il-bastiment seta' kien hemm armi nukleari destinati lejn l-Iran meta l-Arctic Sea sparixxa għal aktar minn ġimgħatejn waqt il-vjaġġ tiegħu fil-kontinent Ewropew. Mistoqsija jekk qatt kinitx imfixkla fl-operat tagħha mir-Russi, l-Awtorita' Marittima Maltija qalet li kellhom kollaborazzjoni sħiħa mill-awtoritajiet Russi. Dan minkejja li kif żvela dan is-sit fis-sigħat li għaddew, l-informazzjoni kienet tgħid li l-awtoritajiet Maltin damu kważi 6 sigħat fuq il-baħar fil-viċinanzi tal-bastiment li jtajjar bandiera Maltija qabel ingħataw permess jibdew l-investigazzjonijiet tagħhom. Kif ukoll kien hemm problemi ta' komunikazzjoni u għal xi raġuni l-Arctic Sea kien skortat minn bastiment militari Russu. Il-misteru dwar dan il-vapur jidher li għadu ma ssolviex hekk kif għadu ma ġiex stabbilit x'tassew ġara abbord il-bastiment matul l-għajbien tiegħu t'aktar minn 24 jum. Allegatament il-vapur inħataf minn 8 pirati li għal xi ġranet żammew lill-15-il membru tal-ekwipaġġ, kollha ta' nazzjonalita Russa. Abbord sa' tard wara nofsinhar kien għad fadal 4 membri minn dan l-ekwipaġġ li madankollu hu mifhum li issa se jkun qed jibdew il-vjaġġ tagħhom lura r-Russja hekk kif se jkunu sostitwiti minn ekwipaġġ ta' 14-il baħri Russi li waslu Malta l-Ħamis. Id-Direttur tal-Portijiet Lino Vassallo spjega li peress li dan il-każ hu allegatament każ ta' piraterija u kienet ir-Russja li sabet il-vapur, kif titlob il-liġi

internazzjonali tal-baħar, il-pajjiż li jsib il-vapur jieħu l-kontroll tal-vapur anke minkejja li, fil-każ tal-Arctic Sea, l-vapur hu reġistrat Malta. Mistoqsi jekk l-Awtorita hijiex konvinta minn din il-verżjoni tal-istorja jiġifieri li dan kien biss każ ta' piraterija, John Gatt, il-Kap tal-Kumitat tas-Sigurta' Nazzjonali Marittima saħaq li s'issa l-Awtorita m'għandha xejn li jindika li dan mhux minnu. Hu madankollu naqas li jiċħad jew jikkonferma li seta kien hemm raġunijiet ulterjuri li wasslu biex il-bastiment jisparixxi għal kważi xahar sħiħ. Bil-wasla tal-bastiment f'Malta, teoretikament jidher li l-każ issa ngħalaq u issa l-Arctic Sea se jirritorna lura bħala vapur normali tat-tagħbija. L-inċertezza dwar x'se jiġri issa madankollu kienet evidenti waqt il-konferenza tal-aħbarijiet b'mod partikolari dwar jekk Malta issa hux se tkun involuta f'xi każ legali.

**L-Uffiċċju Schengen tal-Korp tal-Pulizija Maltija effiċjenti u jaqdi r-rwol tiegħu**

Quddiem l-iżviluppi fl-Ewropa u l-ħidma tal-Puliizja quddiem Ewropa dejjem aktar miftuħa u mingħajr fruntieri, l-Uffiċċju Schengen tal-Korp tal-Pulizija Maltija kien deskritt mill-Ewro-Parlamentari Simon Busuttil bħala Uffiċċju effiċjenti li qed jaqdi r-rwol tiegħu. l-Ewro-Parlamentari Simon Busuttil żar l-Uffiċċju Schengen fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija fil-Furjana fejn ingħata informazzjoni dwar il-mod kif jaħdem dan l-Uffiċċju. L-Uffiċċju Schengen hu uffiċċju li jiffoka fuq il-movimenti tal-persuni li b'mod dirett hu għodda importanti għall-Pulizija fil-kontrolli meħtieġa li huma jridu jagħmlu.

**Raġel ta' 59 jitlef ħajtu f'inċident tat-traffiku fil-Ħamrun:**

Raġel ta’ 59 sena minn Bormla tilef ħajtu traġikement ftit tal-ħin ilu wara li iktar kmieni kien involut f’inċident tat-traffiku fil-Ħamrun. Inċident li seħħ għall-ħabta tas-sitta u għaxra fi Triq San Ġużepp, it-triq prinċipali tal-Ħamrun. Minn informazzjoni li ġabar dan is-sit jidher li r-raġel, tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u spiċċa biex ħabat għal ġo karozza oħra. Hu kien qed isuq Ford Fiesta, li ħabtet ġo vann Toyota Hilux, li kien misjuq minn raġel ta’ 50 sena mis-Siġġiewi. L-inċident seħħ eżattament quddiem l-għassa tal-Ħamrun. Dan is-sit hu infurmat membri mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ħarġu lir-raġel mill-karozza li ġarrbet ħsarat kbar, filwaqt li fil-post kien hemm ukoll tim mediku. F’ħin minnhom ir-raġel kien qed jingħata n-nifs artifiċjali. Sfortunatament tilef ħajtu ftit wara li ddaħħal l-Isptar. Bil-każ ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa Consuelo Scerri Herrera.

## ❖ IL-GIMGHA 30 TA’ OTTUBRU:

**Aktar minn 137,000 abbonati għat-televiżjoni diġitali:**

Is-suq tat-televiżjoni diġitali f'Malta qed ikompli jikber sena wara sena, bl-aħħar statistiċi juru li l-abbonamenti illum ilaħħqu aktar minn 137,000. Dan jirrifletti żieda ta' 15,000-il abbonament fl-aħħar sentejn. Il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni Austin Gatt ħabbar dan meta indirizza l-konferenza annwali tal-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni fil-Lukanda Westin f'San Ġiljan. Hu qal li l-lum hawn kompetizzjoni tajba bejn in-networks tat-televiżjoni diġitali li hi ta' vantaġġ għall-konsumatur u għall-operatur. Il-Ministru Gatt stqarr li s-suq tat-televiżjoni mhux l-uniku wieħed li għandu jibbenefika. Is-servizzi tat-televiżjoni wasslu liż-żewġ operaturi biex joffru erba' servizzi f'daqqa li huma popolari ferm mal-pubbliku. Austin Gatt sostna li l-benefiċċji tat-televiżjoni diġitali ma jitgawdewx biss mill-abbonati li

jħallsu servizzi tat-televiżjoni, iżda mill-popolazzjoni kollha. Hu żied jghid li n-numru ta' nies li jaraw it-televiżjoni permezz tal-aerial qed jonqos ħafna - minn 17.5% l-oħra għal 11% din is-sena. Dan il-perċentwal, iżda, jirrapreżenta madwar 16,000 dar. Intant il-gvern għadu kemm waqqaf Kumitat dwar il-Bidla Diġitali biex jaħdem fuq il-bidla mit-televiżjoni analogue għal dak diġitali. Il-bidla għal trasmissjonijiet diġitali tagħmilha possibbli għall-gvern biex jiġu mnedija servizzi addizzjonali jew oħrajn ġodda.